

Brussell, 4 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8824/26

ENER 213  
FISC 158  
ECOFIN 561  
COMPET 516  
ENV 443  
IND 301

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2852 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'30.4.2026 dwar il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti fil-faqar enerġetiku minn skonnessjonijiet tal-enerġija u waqt l-ippjanar u t-twettiq tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jew waqt id-dekummissjonar ta' networks tad-distribuzzjoni tal-gass naturali

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2852 final.

Mehmuż: C(2026) 2852 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026  
C(2026) 2852 final

## **RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta'30.4.2026**

**dwar il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti fil-faqar enerġetiku minn skonnessjonijiet tal-enerġija u waqt l-ippjanar u t-twettiq tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jew waqt id-dekummissjonar ta' networks tad-distribuzzjoni tal-gass naturali**

{SWD(2026) 126 final}

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'30.4.2026

**dwar il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti fil-faqar enerġetiku minn skonnessjonijiet tal-enerġija u waqt l-ippjanar u t-twertiq tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jew waqt id-dekummissjonar ta' networks tad-distribuzzjoni tal-gass naturali**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Skonnessjoni tal-enerġija tiġri meta unità domestika tinqata' minn ma' servizzi essenzjali tal-enerġija, b'hal pereżempju l-provvista tal-elettriku jew tal-gass. Dan spiss jiġri għax ma jitħallsux il-kontijiet, li min-naħa tiegħu jista' jiġi attribwit għal taħlita ta' fatturi relatati ferm mal-faqar enerġetiku, fosthom introjtu baxx, prezzijiet għaljin tal-enerġija, u nuqqas ta' aċċess xieraq għal soluzzjonijiet u fondi tal-effiċjenza enerġetika.
- (2) Il-protezzjoni mill-iskonnessjonijiet tal-enerġija u l-projbizzjoni tal-iskonnessjonijiet tal-enerġija waqt żminijiet kritiċi ddaħħlu l-ewwel darba fl-2009, issaħħu bid-Direttiva (UE) 2019/944<sup>1</sup> u komplew jissaħħu bid-Direttiva (UE) 2024/1711<sup>2</sup> u bid-Direttiva (UE) 2024/1788<sup>3</sup> ħalli jkun żgurat li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija, b' dispożizzjonijiet u obbligi ġodda għall-fornituri dwar id-drittijiet tal-konsumaturi u l-protezzjoni tal-konsumaturi.
- (3) L-aċċess għal akkomodazzjoni u għal servizzi essenzjali tal-enerġija hu prekondizzjoni għad-dritt għal livell tal-għajxien diċenti, kif rikonoxxut fil-Prinċipji 19 u 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli<sup>4</sup>. Għaldaqstant, li tkun żgurata l-protezzjoni minn skonnessjoni tikkontribwixxi direttament għall-obiettivi soċjali tal-Unjoni u għall-implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-prinċipju.
- (4) Kif tenfasizza l-Komunikazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-enerġija affordabbli<sup>5</sup>, il-prezzijiet għaljin tal-enerġija qed jillimitaw il-kapaċità ta' numru dejjem akbar ta'

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj>).

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1711, 26.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1711/oj>).

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj>).

<sup>4</sup> Il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli - Akkomodazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea, COM(2025) 1025 final, 16.12.2025.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli - Nisfruttaw il-

Ewropej li jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Dawn jinkludu lill-klijenti vulnerabbli, li jonfqu sehem sproporzjonalment ogħla mill-introjt tagħhom għall-enerġija, u bosta persuni b'introjt medju.

- (5) Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri l-“faqar enerġetiku” kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 52 tad-Direttiva (UE) 2023/1791<sup>6</sup> u lill-“klijenti vulnerabbli” kif referuti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2019/944<sup>7</sup> u fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2024/1788<sup>8</sup>. Il-Kummissjoni ppubblikat żewġ Rakkomandazzjonijiet<sup>9</sup> dwar il-faqar enerġetiku, li jikkonċernaw ukoll lill-klijenti vulnerabbli.
- (6) L-Artikolu 10(11) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 11(10) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 jeżiġu li l-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tal-enerġija jipprovdu informazzjoni adegwata lill-klijenti domestiċi dwar miżuri alternattivi għall-iskonnessjoni, fi żmien suffiċjenti qabel l-iskonnessjoni ppjanata. Dawk il-miżuri alternattivi jistgħu jirreferu għal sorsi ta' appoġġ biex tkun evitata l-iskonnessjoni, sistemi ta' ħlas bil-quddiem, awditjar tal-enerġija, servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija, pjanijiet tal-pagament alternattivi, konsulenza dwar l-immaniġġjar tad-dejn, jew moratorji fuq l-iskonnessjoni, u ma jkunux ifissru spiża addizzjonali għall-klijenti li jkunu qed jaffaċċjaw l-iskonnessjoni. Madwar l-Unjoni diġà qed jiġu implimentati Prattiki effettivi u dawn jistgħu jiġu replikati u jitkattu biex jiproteġu lill-iżjed klijenti vulnerabbli – li jekk jużaw arloġġ li jaħdem bi ħlas bil-quddiem jaf iħossuhom mġiegħla li jagħżlu l-iskonnessjoni tagħhom stess – u jiżguraw aċċess kontinwu għall-enerġija.
- (7) It-traspożizzjoni fil-ħin tad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-klijenti vulnerabbli u l-faqar enerġetiku, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2024/1788, hi essenzjali biex ikun żgurat approċċ komprensiv għall-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli minn skonnessjonijiet tal-enerġija, bis-saħħa ta' governanza koordinata u kollaborattiva fuq diversi livelli u ma' diversi partijiet ikkonċernati u bis-saħħa ta' tixrid tal-aqwa Prattiki fost l-atturi kollha kkonċernati.
- (8) L-identifikazzjoni eżatta tal-klijenti vulnerabbli u tal-persuni fil-faqar enerġetiku hi kruċjali biex jifasslu miżuri tal-appoġġ effettivi. Jeħtieġ isiru rieżamijiet u aġġornamenti regolari tad-data rilevanti biex jiġi vvalutat jekk hemm bżonn li l-benefiċjarji jirċievu appoġġ kontinwu jew jekk is-sitwazzjoni individwali tagħhom tkunx tjiebet, u biex l-assistenza mmirata tiġi direzzjonata mingħajr dewmien lejn dawk fil-bżonn.

---

valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha, COM/2025/79 final.

<sup>6</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj>).

<sup>7</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/2025-10-12>).

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj>).

<sup>9</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku (ĠU L 357, 27.10.2020, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2020/1563/oj>) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku (ĠU L, 2023/2407, 23.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2407/oj>).

- (9) Biex jingħelbu l-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku, jitħarsu l-klijenti vulnerabbli u jkunu evitati l-iskonnessjonijiet, hemm bżonn li jiġu prijoritizzati ċerti strutturali u fit-tul b'finanzjament mill-Unjoni u nazzjonali. Dawk il-miżuri jinkludu l-effiċjenza enerġetika, l-aċċess għal sorsi rinnovabbli, l-awtoproduzzjoni u l-awtokonsum tal-enerġija, il-kondiviżjoni tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija, flimkien mal-promozzjoni tal-arloġġi intelliġenti u l-monitoraġġ tal-enerġija fil-ħin reali.
- (10) Informazzjoni u gwida aċċessibbli faċilment, taħriġ immirat, għodod sempliċi, u involviment proattiv qabel l-iskonnessjoni jkunu jistgħu jagħtu iżjed setgħa u protezzjoni lill-klijenti vulnerabbli u lill-klijenti fil-faqar enerġetiku. Dawn itejbu l-għarfien u jżidu l-fiduċja fil-fornituri.
- (11) Permezz ta' għodod aċċessibbli diġitalment, fosthom data dwar il-konsum li tkun aċċessibbli mill-bogħod, arloġġi intelliġenti, u għodod ta' interazzjoni bejn il-fornituri u l-klijenti, ikunu jistgħu jinkixfu sinjali bikrija ta' diffikultajiet bil-ħlas. Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet individwali tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli hu essenzjali li jkun hemm finanzjamenti prevedibbli ta' għodod konsultattivi trasparenti u ta' strumenti tal-assistenza, bħal punti uniċi ta' servizz li jipprovdu servizzi integrati ta' rinovazzjoni enerġetika, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 1275/2024<sup>10</sup> dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.
- (12) F'ċerti ċirkostanzi speċifiċi u meta jkun immirat b'mod ċar għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-appoġġ pubbliku immirat dirett (eż. sussidji, vawċers tal-enerġija, programmi ta' appoġġ immirati) hu miżura importanti li tgħin lill-klijenti vulnerabbli jimmaniġġjaw il-kontijiet tal-enerġija tagħhom u li tevita l-iskonnessjonijiet tal-enerġija, b'komplementarjetà ma' miżuri strutturali u fit-tul.
- (13) Biex il-klijenti jitħarsu mill-iskonnessjonijiet tal-enerġija, il-miżuri leġiżlattivi jistgħu jinkludu projbizzjonijiet ta' skonnessjoni staġunali, assistenza lill-klijenti li ma jkunux qed ilaħħqu mal-kontijiet tal-enerġija, u salvagwardji li jevitaw il-konsegwenzi negattivi tas-sistemi ta' ħlas bil-quddiem, bħall-ispejjeż tal-installazzjoni u l-manutenzjoni u li jiżguraw li t-tariffi għall-utenti tal-arloġġi ta' ħlas bil-quddiem ma jkunux iżjed minn dawk tal-klijenti l-oħra tal-enerġija.
- (14) L-Artikolu 27a tad-Direttiva (UE) 2019/944 introdott bid-Direttiva (UE) 2024/1711 jeżiġi li l-Istati Membri jdaħħlu reġim dwar il-fornituri tal-aħħar istanza. L-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 jeżiġi li l-Istati Membri jintroduċu reġim dwar il-fornituri tal-aħħar istanza jew li jieħdu miżuri ekwivalenti biex jiżguraw il-kontinwità tal-provvista mqar għall-klijenti domestiċi. Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jeżiġu wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li, meta klijent finali jiġi trasferit għand fornitur tal-aħħar istanza, dak il-fornitur jikkomunika t-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu u jiżgura l-kontinwità bla skossi tas-servizz lil dawk il-klijenti għall-perjodu meħtieġ biex jinstab fornitur għdid.
- (15) Il-fornituri tal-enerġija jaqdu rwol kruċjali fil-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u fil-prevenzjoni tal-iskonnessjonijiet tal-enerġija. Hu essenzjali li l-proċeduri tal-iskonnessjoni adottati jkunu komprensibbli, faċli u gradati, filwaqt li jkunu jindirizzaw il-ħtiġijiet u s-sitwazzjonijiet ta' dawk il-klijenti. Il-kodiċijiet ta' involviment volontarji li jinvolvu lill-fornituri, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, u lill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tal-iskonnessjonijiet tal-

<sup>10</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj>).

enerġija, jippromwovu trattament ġust u trasparenti tal-klijenti, u jipprovdu aċċess għal informazzjoni u appoġġ ċari.

- (16) Biex wieħed jifhem il-karatteristiċi u l-ambitu tas-sitwazzjoni tal-klijenti skonnettjati jew f'riskju ta' skonnessjoni, iridu jiġu monitorjati l-proċessi, ir-rati, il-kawżi u l-impatti tal-iskonnessjonijiet, kif ukoll l-ilmenti tal-klijenti domestiċi. Dan il-monitoraġġ jinkludi r-rieżami tal-perjodi ta' notifika stabbiliti mill-fornituri tal-enerġija, filwaqt li jiġu vvalutati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-pjanijiet tal-pagament u l-livell ta' appoġġ offrut lill-klijenti vulnerabbli. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jaqdu rwol importanti fil-ġbir u l-ġhoti tal-informazzjoni pertinenti skont l-Artikolu 59(1)(o) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u għalhekk huma strumentali biex ikun żgurat li l-klijenti kollha jkunu protetti u appoġġati kif xieraq b'miżuri effettivi.
- (17) Fir-rigward tal-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u l-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku waqt l-ippjanar u t-tweqqif tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jew waqt id-dekummissjonar ta' networks tad-distribuzzjoni tal-gass naturali, l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 jeżiġi li l-Kummissjoni ttipprovi gwida lill-Istati Membri.
- (18) Il-volatilità riċenti tal-prezzijiet tal-enerġija wara l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-qlib sussegwenti lejn importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat aktar għaljin joħorġu fid-dieħel il-bżonn li titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa affordabbli u prodotta lokament.
- (19) Diġà hemm bosta Stati Membri li nedew strateġiji nazzjonali jew reġjonali għal tneħħija gradwali tal-gass naturali, u għarfu li din it-tranżizzjoni se tkun proċess gradwali u twil.
- (20) Biex ikunu żgurati s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija, il-klijenti jeħtieġ jingħataw is-setgħa biex jaqilbu minn gass naturali għal alternattivi aktar nodfa u bbażati fuq l-elettriku. Filwaqt li l-gassijiet rinnovabbli jistgħu jgħinu f'ċerti żoni, partijiet kbar tan-network eżistenti tad-distribuzzjoni tal-gass mistennija ma jibqgħux jintużaw. Dan ikun jeħtieġ dekkummissjonar ġestit u ppjanar strateġiku tal-investment biex nevitaw li xi assi jitħallew barra.
- (21) Li niproteġu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u niżguraw aċċess affordabbli u inklużiv għall-enerġija nadifa għandhom ikun prinċipju gwida tal-proċessi tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali. Dan hu kruċjali biex niżguraw tranżizzjoni bla skossi lejn alternattivi tal-enerġija aktar nodfa għall-maġġoranza tal-klijenti fil-faqar enerġetiku u biex nevitaw ir-riskji ta' tariffi dejjem oġhla li jaffettwawhom b'mod sproporzjonat u li jkomplu jesponuhom għall-faqar enerġetiku.
- (22) Hemm bżonn koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-operaturi tal-gass, u operaturi rilevanti oħra fis-setturi tal-elettriku u tat-tisħin u t-tkessiħ, kif ukoll ma' sħab soċjali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati lokali biex għat-tneħħija gradwali tal-gass naturali niżguraw approċċ komuni, transsettorjali u integrat, abbażi ta' xenarji kondiviżi għall-evoluzzjoni tal-provvista u d-domanda għall-enerġija fost is-setturi kollha tal-enerġija u żviluppanti bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Dik il-koordinazzjoni tgħin għal ippjanar u implimentazzjoni konsistenti, inkluż għad-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati u aċċess għall-finanzi għall-awtoritajiet lokali bħala faċilitaturi ewlenin, kif ukoll biex jinħolqu strateġiji flessibbli u trasparenti tan-network aktar fit-tul.
- (23) Jekk il-proċessi tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jitħejjew, jiġu kkomunikati jew jiġu implimentati b'mod dgħajjef inkunu qed nirriskjaw li noħolqu reżistenza soċjali u

nuqqas ta' fiduċja fil-benefiċċji tal-indipendenza tal-elettrifikazzjoni u l-enerġija. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ ipoġġu lin-nies fiċ-ċentru u jibbażaw il-ħidmithom fuq il-prinċipji komuni tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tat-trasparenza, tal-ekwità, tal-aċċessibbiltà, tal-affordabbiltà u tal-parteċipazzjoni pubblika.

- (24) L-Istati Membri mhumiex bħal xulxin fejn jidħlu d-dipendenza tagħhom fuq il-gass naturali, il-karatteristiċi tal-binjiet tagħhom, il-mod kif qed jimplementaw it-tneħħija gradwali tal-bojlers tal-fjuwil fossili skont l-Artikolu 17(15) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, u l-kapaċità tagħhom li jgħinu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Fil-Pjanijiet Nazżjonali tar-Rinovazzjoni tal-Bini tagħhom, dawn iridu jstabbilixxu il-politiki u l-miżuri biex jiksbu din it-tneħħija gradwali sal-2040. Il-perkorsi nazżjonali se jirriflettu ċ-ċirkostanzi nazżjonali u lokali speċifiċi filwaqt li jimxu mal-prinċipji komuni msemmija.
- (25) L-istrumenti tal-finanzjament disponibbli fil-livell tal-Unjoni jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ġusta u inklużiva tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, bi qbil mal-prinċipji ta' komplementarjetà u simplifikazzjoni amministrattiva.
- (26) Biex twieġeb għall-oġettivi tal-pjan ta' azzjoni għall-enerġija affordabbli u għall-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni, implimentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar<sup>11</sup> u għal koerenza tal-politiki, din ir-Rakkomandazzjoni hi maħsuba biex tissimplifika l-implimentazzjoni fil-livell nazżjonali u lokali billi tipprovdi gwida ċara u Prattika, tevita piż amministrattiv bla bżonn u tiżgura li l-miżuri jkun aċċessibbli u faċli biex jinftehm u għall-individwi kif ukoll għall-awtoritajiet.
- (27) F'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, l-Istati Membri jridu jiżguraw li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Hu rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

**Jiproteġu lill-konsumaturi vulnerabbli u lill-klijenti fil-faqar enerġetiku minn skonnessjonijiet tal-enerġija:**

**I. Traspożizzjoni, Definizzjoni u Identifikazzjoni**

1. **Jiżguraw traspożizzjoni sħiħa, konsistenti u minnufih kemm jista' jkun** tad-dispożizzjonijiet kollha tal-UE relatati mal-klijenti vulnerabbli u l-klijenti fil-faqar enerġetiku, b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 28a tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2024/1788, biex ikun żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni fis-settur tal-elettriku kif ukoll fis-settur tal-gass. L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsistenza fis-swieq tal-enerġija u li l-ebda konsumatur ma jitlef l-aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija minħabba differenzi regolatorji settorjali.
2. **L-eliġibbiltà għall-appoġġ** lill-klijenti vulnerabbli u lill-klijenti fil-faqar enerġetiku jibbażawha fuq data ċara, oġġettiva, affidabbli u tempestiva li tkun tirrifletti diversi

<sup>11</sup> Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, COM/2025/47 final.

dimensjonijiet tal-vulnerabbiltà. Id-data soċjoekonomika, tal-enerġija, tal-klima, tal-bini, tas-saħħa u tal-kumdità termali għandha tiġi integrata fil-valutazzjoni tal-eliġibbiltà u tiġi komplementata b'sorsi diżaggregati (eż. arloġġi intelliġenti jew sensuri) u data istituzzjonali lokali. B'hekk ikunu jistgħu jinħolqu kriterji tal-eliġibbiltà li jiżguraw approċċ ħolistiku, li jiġbor l-istampa kollha tas-sitwazzjoni ta' unità domestika. Meta xieraq, l-Istati Membri għandhom iħaddmu mekkaniżmi ta' eliġibbiltà awtomatiċi permezz ta' kondivizzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet rilevanti ħalli jnaqqsu l-piż amministrattiv u l-istigma. Il-proċessi ta' awtoidentifikazzjoni komplementari għandhom jibqgħu sempliċi u aċċessibbli b'diversi mezzi (online, telefown, posta jew wiċċ imb wiċċ).

3. **Jirrieżaminaw u jaġġornaw sikwit il-kriterji tal-eliġibbiltà** u l-iskemi ta' appoġġ biex jiżguraw li jibqgħu mmirati sew u effettivi u jevitaw kull abbuż tal-proċess. Id-data għandha tiġi aġġornata regolarment biex tkun tinkludi l-bidliet fl-introjt, fil-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi, fl-istatus tas-saħħa, jew fl-istatus tal-impjeg, kif ukoll fil-bqija tad-data msemmija fir-Rakkomandazzjoni 2.

## **II. Prevenzjoni tal-Iskonnessjonijiet**

4. **Jipprijoritizzaw il-miżuri strutturali u fit-tul** fosthom it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-awtokonsum tal-enerġija, il-kondivizzjoni tal-enerġija u l-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija, appoġġati b'arloġġi intelliġenti u monitoraġġ fil-ħin reali. Meta meħtieġ, dawk il-miżuri għandhom jiġu komplementati b'appoġġ pubbliku dirett immirat u temporanju – inkluż assistenza finanzjarja mmirata – biex il-klijenti vulnerabbli jiġu meħjuna jimmaniġġaw il-kontijiet tal-enerġija u jevitaw l-iskonnessjonijiet.
5. **Itejbu l-informazzjoni tal-konsumatur u t-tixrid tal-għarfien** billi jipprovdu gwida ċara u taħriġ dwar id-drittijiet u l-obbligi, il-litteriżmu fl-enerġija, il-ħruġ tal-kontijiet, il-qlib tal-fornituri mill-klijenti u l-appoġġ f'każ ta' kundizzjonijiet diffiċli, kif ukoll billi jtejbu l-għarfien dwar il-benefiċċji eżistenti u l-użu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament adegwat għall-punti uniċi ta' servizz u għas-servizzi ta' konsulenza li jassistu lill-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u fil-faqar enerġetiku, bi qbil mal-gwida tal-Unjoni dwar is-servizzi integrati tar-rinovazzjoni<sup>12</sup>.
6. **Idaħħlu mekkaniżmi ta' twissija bikrija li jaqbd u l-vulnerabbiltajiet:** L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-fornituri u lill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jistabbilixxu sistemi għall-identifikazzjoni bikrija tal-klijenti domestiċi f'riskju li ma jaslux iħallu, abbażi ta' anomaliji fil-konsum jew arretrati. Dawk is-sistemi għandhom iwasslu għal kuntatt preventiv u ta' appoġġ, parir dwar l-enerġija jew konsultazzjoni għall-assistenza soċjali qabel ma tinħareġ xi notifika formali ta' skonnessjoni.

## **III. Protezzjoni mill-iskonnessjonijiet**

7. **Jadottaw salvagwardji leġislattivi xierqa**, inkluż:
  - (a) projbizzjonijiet ta' skonnessjonijiet staġunali u eżenzjonijiet ġustifikati medikament, definiti skont kundizzjonijiet klimatiċi u soċjali nazzjonali, u projbizzjoni ta' skonnessjonijiet tul is-sena kollha għall-klijenti b'raġunijiet ta' saħħa li jinvolvu dipendenza kritika fuq tagħmir mediku li jaħdem bl-elettriku;

<sup>12</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/536 tal-10 ta' Marzu 2026 bi gwida prattika dwar is-servizzi ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, OJ L 536, 11.03.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2026/536/oj>.

- (b) assistenza mfassla apposta għall-klijenti li għandhom arretrati jew f'riskju li jkollhom arretrati, inkluż pjanijiet tal-ħlas, appoġġ għall-immanniġġjar tad-dejn u, meta ġustifikat, serħan mid-dejn, u miżuri li jillimitaw jew jaħfru t-tariffi ta' skonnessjoni u ta' rikonnessjoni;
  - (c) regoli li jiżguraw li l-iskonnessjoni ma ssirx meta jkun hemm kont li qed jiġi kkontestat formalment u l-kontestazzjoni tkun għadha mhix riżolta, meta jkun qed jiġi negozjat pjan tal-ħlas, jew meta l-klijent jikkonforma ma' pjan tal-ħlas miftiehem, fil-limitu tad-drittijiet kuntrattwali tal-partijiet u diment li l-obbligi jkunu qed jiġu rispettati għalkollox; u
  - (d) regoli li jiżguraw li s-sistemi tal-ħlas bil-quddiem ma jimponux tariffi oġġla jew kostijiet moħbija u li d-djun pendenti jitħallsu bi proċeduri proporzjonati u ġusti.
8. **Jiżguraw reġimi effettivi ta' fornituri tal-aħħar istanza li jiggarrantixxu l-kontinwità tal-provvista**, limitati għal użu temporanju, bi tranżizzjoni awtomatika u immedjata biex ikun evitat it-tfixkil fis-servizz, u li jipprovdu komunikazzjoni u informazzjoni trasparenti lill-klijenti biex ikun żgurat li l-klijenti ma jitpoġġewx fuq rati ta' inadempjenza għaljin u jkollhom aċċess għall-għodod u r-riżorsi meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-provvista tal-enerġija tagħhom.
  9. **Jippromwovv prattiki responsabbli tal-fornituri** billi jħeġġu l-adozzjoni ta' proċeduri ċari u gradwali tal-iskonnessjoni, perjodi ta' notifika raġonevoli u, meta fattibbli teknikament, perjodu ta' provvista minima tal-elettriku aġġustata suffiċjenti biex tkun tkopri l-ħtiġijiet bażiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-fornituri jipprovdu pariri mfassla apposta dwar l-assistenza fil-kontijiet tal-enerġija u l-aktar offerti adattati, b'komunikazzjoni ċara b'diversi lingwi u fuq diversi mezzi.
  10. **Iħeġġu kodiċijiet ta' involviment volontarji** bejn il-fornituri, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni biex jippromwovv l-ekwità, it-trasparenza u l-kooperazzjoni fil-prevenzjoni tal-iskonnessjonijiet.

#### **IV. Governanza, monitoraġġ u evalwazzjoni**

11. **Jiżguraw governanza kkoordinata u f'diversi livelli** li tkun tinvolvi lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, lis-servizzi ta' appoġġ soċjali, lill-fornituri, lis-servizzi tal-ombudspersons u lill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi biex jaqsmu bejniethom l-aqwa prattiki u jikkoordinaw l-interventi.
12. **Jagħtu mandat lill-awtoritajiet regolatorji** biex jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar ir-rati tal-iskonnessjoni, janalizzaw l-ilmenti, u jivvalutaw l-adeqwatezza tal-perjodi ta' notifika tal-fornituri u l-alternattivi ta' pjanijiet tal-ħlas.
13. **Jiżviluppaw indikaturi komprensivi u sistemi tal-ġbir ta' data** li jkopru l-iskonnessjonijiet kif ukoll l-awtoskonnessjonijiet, diżaggregati skont il-karatteristiċi tal-unitajiet domestiċi u l-istatus soċjoekonomiku, il-ġeneru, l-etniċità u s-saħħa biex jiġu identifikati lakuni, tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri u jiġu ggwidati azzjonijiet korrettivi.
14. **Jikkunsidraw jestendu l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni mill-iskonnessjonijiet tal-enerġija**, meta xieraq, biex dawn japplikaw mhux biss għall-unitajiet domestiċi f'riskju iżda anki għal kategorija usa' ta' konsumaturi li jistgħu jiffaċċjaw sfidi tal-affordabbiltà tal-enerġija, bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx f'riskju ta' arretrati jew f'riskju li jiffaċċjaw xokkijiet għall-għarrieda fl-introjtu.

15. **Jimmobilizzaw il-finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali:** L-Istati Membri għandhom jaħtfu kull opportunità differenti ta' finanzjament, inkluż mill-Fond Soċjali għall-Klima, biex jiffinanzjaw miżuri preventivi u protettivi għall-iskonnessjonijiet tal-enerġija, inkluż miżuri strutturali, appoġġ immirat, għodod diġitali għal intervent bikri, u taħriġ għall-ħaddiema soċjali u l-konsumaturi.

**Jiżguraw il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti affettwati mill-faqar enerġetiku waqt l-ippjanar u t-twettiq tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali jew waqt id-dekummissjonar ta' networks tad-distribuzzjoni tal-gass naturali**

**I. Jistabbilixxu oqfsa legali u ta' politika abilitanti għal tneħħija gradwali bla skossi u ekwa tal-gass naturali**

16. Jiżguraw traspożizzjoni u applikazzjoni sħiħa, konsistenti u fil-ħin tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13, 55 u 57 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 b'mod ikkoordinat, u jiżguraw il-konsistenza bejn il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, il-pjanijiet nazzjonali tar-rinovazzjoni tal-bini u l-istrateġiji dwar it-tisħin u t-tkessiħ, ħalli jkun jista' jsir żvilupp koerenti, effiċjenti u ġust tan-networks tal-elettriku, tas-sħana u tal-gass fil-livelli kollha ta' governanza.
17. Ifasslu strateġiji u politiki għat-tneħħija gradwali tal-gass naturali li jkunu jikkunsidraw il-benefiċċji li jgħibu għall-konsumaturi u s-soċjetà u biex jottimizzaw il-perkors tal-klijenti tal-unitajiet domestiċi kkonċernati.
18. Jipprijoritizzaw l-iffrankar enerġetiku, r-rinovazzjoni tal-bini, u s-soluzzjonijiet nodfa tat-tisħin bħala miżuri effiċjenti għall-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti fil-faqar enerġetiku mill-volatilità fil-prezzijiet tal-enerġija u mill-kostijiet tal-fjuwils fossili, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju.
19. Jistabbilixxu ppjanar u koordinazzjoni komprensivi bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż lill-operaturi tal-enerġija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u r-residenti fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-tneħħija gradwali tal-gass. Meta jkun hemm strutturi bħal dawn, l-aġenziji tal-enerġija lokali jew reġjonali jew korpi simili jistgħu jappoġġaw dan il-proċess, skont ir-rwoli attribwiti lilhom fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.
20. Jagħtu żmien biżżejjed bil-quddiem lill-atturi rilevanti kollha biex jippjanaw u jimplementaw it-tneħħija gradwali tal-gass naturali, idealment imqar 10 snin, speċjalment fir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-gass naturali. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw it-tnaqqis tad-domanda għall-gass naturali permezz tal-effiċjenza enerġetika, il-promozzjoni tal-elettrifikazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa, l-iskonnessjonijiet volontarji, u l-projbizzjonijiet ta' konnessjonijiet ġodda tal-gass, filwaqt li jagħmlu alternattivi nodfa aktar attraenti, inkluż bit-tassazzjoni, bi tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili u b'inċentivi mmirati għall-qlib lejn teknoloġiji alternattivi.
21. Jappoġġaw soluzzjonijiet individwali (bħal pompi tas-sħana u sistemi termali solari) kif ukoll sistemi kollettivi (bħal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti, proġetti ġeotermali jew tas-sħana mormija kondiviżi) b'enfasi fuq l-affordabbiltà, għall-unitajiet domestiċi u r-reġjuni b'introjtu baxx.
22. Jagħtu s-setgħa lill-muniċipalitajiet biex isiru l-faċilitaturi primarji tal-proċessi tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali lokalment. Meta rilevanti, jużaw il-pjanijiet lokali

tat-tiżen u t-tkessiġ meħtieġa mill-Artikolu 25.6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 għall-muniċipalitajiet b'aktar minn 45,000 abitant bħala qafas operazzjonali biex jinstabu alternattivi u jingħata appoġġ lill-komunitajiet lokali.

23. Jipprovdu appoġġ tekniku u amministrattiv immirat, speċjalment lill-muniċipalitajiet żgħar u medji biex jegħlbu limitazzjonijiet amministrattivi u finanzjarji għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proċessi tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali. Dan l-appoġġ għandhom jkun jinkludi taħriġ, assistenza teknika akkumulata, u aċċess għall-programmi ta' appoġġ tal-UE.
24. Jipromwovu komunitajiet tal-enerġija u inizjattivi ta' kondiviżjoni tal-enerġija billi jstabilixxu regoli ċari u sempliċi, inaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi, joffru inċentivi finanzjarji u aċċess għat-teknoloġija, u jiżguraw l-inklużività soċjali fil-parteċipazzjoni u fil-kondiviżjoni tal-benefiċċji.
25. Jindirizzaw il-problema ta' inċentiv maqsum fid-djar mikrija billi jallinjaw l-interessi ta' sid il-keru u tal-inkwilini b'miżuri regolatorji, għodod tal-finanzjament immirati u inċentivi għar-rinovazzjoni.
26. Ineħħu l-ostakli għar-rinovazzjoni tal-binjiet b'diversi appartamenti billi jissimplifikaw l-aċċess għall-finanzjament u t-teħid tad-deċiżjonijiet għall-istrutturi tas-sjeda konġunta. Iħeġġu rinovazzjonijiet raggruppati jew fil-livell distrettwali biex jinkisbu ekonomiji ta' skala u jtejbju l-affordabbiltà u l-kumdità.
27. Jiżguraw il-konsistenza bejn id-definizzjonijiet ta' "klijenti vulnerabbli" u "faqar enerġetiku" fis-setturi tal-gass u tal-elettriku, b'mod li jkunu jirriflettu l-politiki soċjali u tal-akkomodazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri.
28. Jiżguraw li l-klijenti vulnerabbli u fil-faqar enerġetiku li xorta jkunu konnessi man-network tal-gass ikunu protetti minn żidiet eċċessivi fit-tariffi. Għal dan il-għan, jiżguraw li l-NRAs ikollhom is-setgħa li jstabilixxu linji gwida għal approċċ strutturali għad-deprezzament tal-assi li jiġu dekommissjonati qabel iċ-ċiklu tal-ħajja previst orġinarjament tagħhom, u l-iffissar tat-tariffi.

## **II. Isaħħu l-involvement tal-klijenti u jagħtuhom is-setgħa**

29. Jiżguraw komunikazzjoni bikrija, trasparenti u inklużiva mal-unitajiet domestiċi fil-kuntast tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali. Jaraw li l-istrateġiji tal-komunikazzjoni u tal-involvement ifassluhom skont gruppi soċjali differenti u ta' introjtu differenti, b'mod partikolari għall-klijenti vulnerabbli u fil-faqar enerġetiku.
30. Iħabbu d-deċiżjonijiet lokali u reġjonali tat-tneħħija gradwali mqar 10 snin qabel, u jipprovdu pjan direzzjonali prevedibbli tat-tappi ewlenin bħall-projbizzjonijiet tal-konnessjonijiet ġodda, it-tneħħija gradwali tas-sussidji u d-dekommissjonar tan-networks.
31. Jagħtu informazzjoni ċara u aċċessibbli lill-unitajiet domestiċi dwar ir-raġunijiet, il-meded taż-żmien, id-drittijiet u l-obbligi, il-miżuri ta' appoġġ u l-benefiċċji tat-tranżizzjoni, bħal kontijiet orħos tal-enerġija, djar aktar sani u aktar komdi, aktar sigurtà tal-enerġija, u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.
32. Jiżguraw li l-unitajiet domestiċi jkunu infurmati dwar l-alternattivi vijabbli kollha tal-enerġija, inkluż ir-rwol potenzjali tal-gassijiet rinovabbli, is-soluzzjonijiet kollettivi tat-tiżen, u l-perkorsi tal-elettrifikazzjoni, u dwar il-benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika.

33. Isaħħu l-punti uniċi ta' servizz definiti fid-Direttivi (UE) 2023/1791 u (UE) 2024/1275 biex ikunu jistgħu jaġixxu bħala punti ta' kuntatt ċentrali għall-unitajiet domestiċi u jipprovdu għarfien espert speċifiku u appoġġ immirat b'rabta mat-tneħħija gradwali tal-gass naturali, inkluż dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli u alternattivi nofda tat-tiħin u t-tkessiħ.
34. Ifasslu strateġiji tat-tneħħija gradwali tal-gass naturali li jżewġu t-titjib fl-effiċjenza enerġetika mal-użu ta' teknoloġiji nodfa. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw ukoll l-appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u b'introjtu baxx permezz ta' għotjiet, approċċi lil hinn minn għotjiet, finanzjament intelliġenti, self bi mgħax baxx u skemi ta' appoġġ immirati u varjabbli għal teknoloġiji nodfa relatati ma' indikaturi tal-introjtu jew soċjali, li jiżguraw il-ġustizzja u l-ekwità soċjali.

### **III. Segwitu**

35. Jagħmlu rapportar dwar il-progress tat-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali, reġjonali u/jew lokali għat-tneħħija gradwali tal-gass naturali u s-segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni permezz tal-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali dwar il-klima u l-enerġija, bħala parti mill-valutazzjoni komprensiva tal-Istati Membri tal-pjanijiet tat-tiħin u t-tkessiħ u l-istrateġiji nazzjonali għar-rinovazzjoni tal-bini inklużi fihom.
36. Jaqsmu bejniethom l-aqwa Prattiki u d-data dwar l-impatti soċjali, l-affordabbiltà u l-protezzjoni tal-konsumaturi, miksuba bl-inizjattivi appoġġati mill-Unjoni, iċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku (EPAH) u l-Patt tas-Sindki.
37. Jużaw il-pjattaformi eżistenti tal-Unjoni bħall-EPAH u l-Ispazju Komuni Ewropew Emerġenti tad-Data dwar l-Enerġija biex jappoġġaw il-monitoraġġ, jiżguraw it-trasparenza, u jikkondividu data komparabbli dwar l-impatti soċjali u tal-enerġija.
38. Jikkooperaw mal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet regolatorji u mal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw approċċ konsistenti, ġust u inklużiv madwar l-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, 30.4.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Dan JØRGENSEN*  
*Membru tal-Kummissjoni*

